MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 648/2005

**Bay Street Holdings Limited**
**(C 12058)**

**Vs**

**Flower, Land and Nursery**
**Company Limited (C 17674)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm354 (tlett mija w erbgha u hamsin lira Maltin) rapprezentanti l-prezz ghall-uzu ta' parti mill-*Boulevard* ghall-bejgh ta' fjuri mis-socjeta' konvenuta, fil-kumpless turistiku ta' Bay Street, liema kumpless huwa proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm354 (tlett mija w erbgha u hamsin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------